4 ta' April, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Grazio Galea *versus* Michel Angelo Catania (*)

**Bejgħ — Assaġġ — Użu.**

*Meta l-bejgħ ikun ta' oġġetti li għalihom huwa użu li jsir l-assaġġ, dan għandu jsir qabel ma jsir il-bejgħ. Meta mbagħad l-oġġetti huma iżjed minn wieħed, huwa raġjonevoli illi x-xerrej jagħżel dak li jrid minn dawk l-oġġetti u jagħmel l-assaġġ tiegħu; u jekk wara l-assaġġ l-oġġett jogħġbu u jsir il-ftehim fuq il-prezz, il-bejgħ huwa perfett.*

*Jekk ix-xerrej ma jirtirax l-oġġetti kollha u jiddifferixxi l-irtir ta' wħud minnhom għal żmien wara, ma jistax imbagħad jippretendi d-dritt ta' l-assaġġ qabel ma jirtira dawk l-oġġetti l-oħra u jirrifjuta li jirċevihom qabel ma jagħmel dan l-assaġġ ulterjuri.*

*Lanqas jista' x-xerrej jinvoka favur tiegħu l-użu ta' dan l-assaġġ ulterjuri; għaliex l-użu ma jistax ikun kontra l-liġi.*

Il-Qorti— Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti tal-Kummerċ, fejn ippremetta illi fit-13 ta' Marzu 1947 l-instanti biegħ sebgħa tnabar inbid ta' Għawdex iswed, ċjoè tliet tnabar inbid tas-sena 1946 u erbgħa tnabar inbid tas-sena 1945, bil-prezz ta' £2. 1. 0 il-barmil, li l-konsenja tagħhom kellha ssir fil-fond ta' l-instanti ż-Żebbuġ, Għawdex, u t-trasport a kariku tal-konvenut, u ħlas mal-konsenja ta' l-aħħar partita, li kellha tiġi rtirata fi żmien xahar mill-bejgħ; u billi l-konvenut irtira biss żewġ tnabar li kien fihom 31 barmil u nofs inbid, li ħadhom tlitt ijiem wara li sar il-bejgħ, u naqas li jirtira l-kumplament fiż-żmien konvenut; billi issa qiegħed jippretendi li xtara biss iż-żewġ tnabar li rtira, u għalhekk baqgħalu jirtira ħames tnabar inbid oħra u jħallas il-prezz tal-partita

(*) B'sentenza tal-14 ta' Diċembru 1949 ġiet miċħuda t-talba tal-konvenut għar-ritrattazzjoni ta' dina l-kawża.

kollha; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, talab li l-konvenut jiġi kundannat jirtira minn għandu fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss mill-istess Qorti ħames tnabar inbid ta' Għawdex ta' 15-il barmil il-wieħed ċirka, bilanċ ta' sebgħa tnabar inbid lilu mibjugħin; u (2) jiġi kundannat iħallas lill-istess attur dik is-somma ta' flus li tirriżulta dovuta lilu għall-prezz ta' sebgħa tnabar inbid fuq imsemmija, wara li jsir il-kejl tagħhom, u bil-kalkolu ta' £2. 1. 0 il-barmil; bl-imgħax skond il-liġi, u b'riżerva ta' kwalsijasi dritt u azzjoni oħra talvolta spettanti lill-instanti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fl-14 ta' Lulju 1948, fejn laqgħet l-ewwel talba u kkundannat lill-konvenut jirtira fi żmien xahar minn dik il-ġurnata ħames tnabar inbid ta' Għawdex ta' 15-il barmil il-wieħed ċirka, bilanċ ta' sebgħa tnabar inbid lilu mibjugħin, u laqgħet it-tieni talba u kkundannat lill-konvenut iħallas l-ammont li jirriżulta dovut wara li l-inbid jiġi mkejjel, akkont ta' £2. 1. 0 il-barmil, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż; salv kull dritt ieħor li jista' jkollhom il-partijiet fil-konfront ma' xulxin; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta illi l-bejgħ kien ta' 7 tnabar......;

Illi l-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torin, f'kawża identika għal din, fit-8 ta' Novembru 1915 (ara Giurisprudenza Kassazzjoni ta' Torin ta' l-1925, p. 1527) irriteniet illi l-kuntratt tal-bejgħ "in massa di vino, previo assaggio, è perfetto indipendentemente dal futuro ritiro, e non può quindi il compratore pretendere di rinnovare l'assaggio, in occasione del successivo ritiro di ogni singola partita e di rifiutare il vino se lo trova deteriorato senza che il venditore sia in colpa";

Illi dak li l-konvenut qal meta kien qiegħed iġorr l-ewwel żewġ tnabar huwa inattendibili, u ma jwassalx għall-konklużjoni li huwa ma kienx xtara kollox, imma għall-fatt illi jkun irid jeżamina l-merkanzija l-oħra;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu riġettati d-domandi ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellant huwa illi l-bejgħ kien ta' żewġ tnabar biss, u mhux sebgħa; u biex jipprova din il-pretensjoni tiegħu issottometta illi (1) fil-fatt irriżulta illi huwa kien xtara biss iż-żewġ tnabar li huwa kien irtira u mhux l-oħrajn, u (2) fid-dritt, illi peress illi l-bejgħ ta' l-inbid huwa soġġett għall-assaġġ skond l-użu li hemm Għawdex, ix-xerrej għandu dritt illi jassaġġja l-inbid kull darba li jirtira t-tnabar, u qabel ma jsir dak l-assaġġ il-bejgħ ma jkunx perfett;

Fuq l-ewwel kwistjoni jirriżulta mix-xhieda kollha li kienu preżenti illi l-bejgħ kien sar ta' sebgħa tnabar..........;

Tikkunsidra;

Illi fuq il-pont tad-dritt, meta l-bejgħ ikun ta' nbid, jew artikoli simili, li għalihom huwa użu li jsir l-assaġġ, qabel ma jsir il-bejgħ għandu jsir dak l-assaġġ; u allura meta l-oġġett tan-negozju jkun, bħal dan il-każ, iżjed minn ħaġa waħda, peress li kien hemm sebgħa tnabar, tlieta ta' dik is-sena u erbgħa tas-sena ta' qabel, huwa raġjonevoli illi x-xerrej jagħżel dak li jrid minnhom u jassaġġja l-inbid tagħhom; u meta jsir dan u l-oġġett jogħġob lix-xerrej, u jsir il-ftehim fuq il-prezz, il-vendita hija perfetta u x-xerrej ikun jista' jirtira immedjatament l-oġġett. Imbagħad jekk dan, għar-raġunijiet privati tiegħu, jidhirlu li għandu jirtira parti mill-oġġetti u jiddifferixxi l-irtir għal żmien wara, dan ikun qiegħed jagħmlu kollu a' riskju tiegħu; għaliex huwa risaput illi la darba l-bejgħ ikun sar, il-proprjetà ta' l-oġġett tkun għaddiet fuq ix-xerrej, u mal-proprjetà għadda anki l-perikolu;

Infatti kwalunkwe deterjorazzjoni li setgħet ġrat fl-inbid, jekk tagħha ma għandux jirrispondi l-venditur minħabba l-kwalità ħażina jew għal raġunijiet oħra, għandu jbatiha l-istess xerrej; u għalhekk l-assaġġ ieħor li jippretendi li għandu jagħmel l-appellant meta jirtira li-nbid fil-konsenji suċċessivi ma għandux lok. Veru huwa illi l-appellant qiegħed jippretendi li f'Għawdex hemm dak l-użu; imma, kif tajjeb ġie ritenut fis-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti, l-użu ma jistax imur kontra l-liġi biex jistabbilixxi illi bejgħ ma kienx hemm. Probabilment f'każijiet bħal dawn il-venditur ikun tolleranti, u

jippermetti assaġġ ieħor waqt l-irtir successiv; però għal dana huwa mhux obligat;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant issottometta illi jekk ma jassaġġax qabel l-irtir jista' jieħu tnabar vojta; imma dan jista' jiġri lil kwalunkwe xerrej ta' merkanzija; u għalhekk il-liġi, f'każ bħal dak prospettat, tagħti lix-xerrej l-azzjonijiet kollha opportuni, illi l-Ewwel Qorti rriżervat lill-appellant "si et quatenus";

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.